Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 41 / 2019

Il-Pulizja

Spettur Victor Aquilina

Vs

Giuseppi Desira

Illum 23 ta' Mejju, 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Giuseppi Desira, detenur tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 391152 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-13 ta' Lulju, 2013 u fil-granet ta' qabel gewwa z-Zona ta' Habel Pietru L/O Ghaxaq:

1. Bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretenti li ghandu, gieghel, bl-awtorita tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew thott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jiehu l-ilma ghalih, jew b' xi mod iehor, kontra l-Ligi, ndahal fi hwejjeg haddiehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar tal-24 ta' Jannar, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu multa ta' hames mitt Ewro (€500).

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ikkundannat lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' disa' mija, tlieta u tlettin ewro u tlieta u sebghin –il centezmu (€933.73 ) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' espert f' dan il-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Giuseppi Desira, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-11 ta' Frar, 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi THASSAR U TIRREVOKA s-sentenza appellata, TIDDIKJARA li hija nulla, u b'hekk TORDNA illi l-atti kollha ghandhom jerghu jigu rimessi quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghas-smiegh mill-gdid taghhom, u dan sabiex l-appellant ma jigix mcahhad mill-beneficcju tad-doppio esame; fin-nuqqas li tilqa dan l-aggravju, l-appellant jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha THASSAR U TIRREVOKA s-sentenza appellata fuq il-mertu, u dan billi filwaqt li TIDDIKJARA lil appellant mhux hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu, tilliberah minnhom. Ssusidjarjament, tvarja l-piena inflitta,, u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta. Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

A. L-Ewwel Aggravju-Nullita tas-Sentenza Appellata

L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi illi: "Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat."

Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Qorti certament illi ma rrispettatx il-vot tal-ligi u dan meta ma spjegatx il-fatti li taghhom l-imputat instab hati meta testwalment qalet biss u semplicment hekk: 'Illi mir-rapport tal-espert tekniku jirrizulta illi l-imputat fixkel l-access ghal propjeta tal-Parti Civili liema access kellu jkun wiesgha madwar 6.2 metri, ghal access ferm aktar ridott ta' circa 1.8metru kif indict fir-ritratti mehmuza'.

Skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, in-nuqqas li jigi rispettat strettament l-artikolu 382 tal-Kap 9, jimporta n-nullita tas-sentenza appellata u dan stante illi dan in-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens ta' l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali.

Fil-fatt kif imfisser fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet il-Pulizija vs Emanuel Mifsud ET moghtija fit-tnax (12) ta Marzu tas-sena elfejn u disa (2009), il-Qorti irriteniet li 'skond l-Artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati meta taghti sentenza kontra l-imputat ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena, u ssemmi l-artikolu tal-kodici kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat .'

Illi ghalhekk, l-Ewwel Qorti, b'dawn is-semplici dikjarazzjonijiet, naqset milli tispjega l-fatti li taghhom gie misjub hati l-appellant; apparti illi l-fatti kif enuncjati minn l-Ewwel Qorti huma zbaljati wkoll, kemm ghax minn imkien mill-provi prodotti ma rrizulta illi l-imputat effettivament fixkel l-access ta' hutu fid-data ndikata fl-akkuza. Jinghad li biss biss, l-access tal-Perit Tekniku, fiz-zona ta' Habel Pietru gewwa Hal Ghaxaq, saret biss fi-sebgha (7) ta' April tas-sena elfejn u erbatax (2014) igifieri circa disa (9) xhur wara l-allegat akkadut. Infatti, jekk wiehed jaqra r-rapport tal-perit tekniku, mkien ma ssir referenza ghad-data ndikata mill-Prosekuzzjoni fl-akkuza.

F'kaz simili, u cioe meta Qorti tonqos milli tispjega b'mod dettaljat il-fatti ta' dak illi l-akkuzat ikun qed jnstab hati, jintitola lil Qorti li thassar is-sentenza appellata (f'dan is-sens wiehed jista jara l-Appelli Kriminali fl-ismijiet: Il-Pulizija V. Donald Cilia, 24 ta' April 2002; Il-Pulizija vs Benjamin Muscat, 28 ta' Gunju 2002; il-Pulizija vs. Joseph Zahra, 9 ta' Settembru 2002; Il-Pulizija vs. Paul Cachia, 25 ta' Settembru 2003; Il-Pulizija v. Mark Portanier, 14 ta' Settembru 2004; Il-Pulizija vs. John Axiaq ET, 19 ta' Mejju 2005).

Konsegwentement, din l-Onorabbli Qorti ghandha thassar is-sentenza moghtija minn l-Ewwel Qorti, stante illi din ma ssegwiex id-dettami tal-Kodici Kriminali kif eunucjat permezz ta' l-Artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament meta,

kif spjegat aktar 'il fuq, il-Qorti naqset milli tispjega l-fatti li taghhom l-appellant instab hati.

B. T-tieni Aggravju-aprezzament Zbaljat tal-Provi Prodotti.

Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi umilment rilevat illi kemm l-Espert Tekniku, u kemm l-Ewwel Qorti li strahet kompletament fuq il-konkluzzjonijiet Peritali ta' l-istess Espert Tekniku, ghamlu interpretazzjoni kompletament zbaljati tal-provi prodotti quddiemhom u senjatament meta l-perit tekniku ikkonkluda illi 't-trejqa/access illi fih qieghed ipoggi l-ingenji l-imputat u li ghalhekk qieghed jizgombra l-access ghal propjeta tal-parti civili, ma hiex propjeta tieghu…ghalhekk irrizulta illi l-imputat fixkel l-access ghal propjeta tal-Parti Civili, liema access huwa wiesgha madwar 6.2m, ghal access ferm aktar ridott ta' circa 1.8m kif indikat fir-ritratti mehmuza.'

Illi qatt ma kien il-kompitu tal-Perit Tekniku li jikkonkludi lil min tappartjeni l-propjeta in kwistjoni u dan peress illi, kif qal huwa stess fir-rapport tieghu, hawn qedhin fil-kamp kriminali u mhux dak civili. Konsegwentement, il-Perit Tekniku, li ghogbu jiddetermina ta' min hija din il-propjeta mertu tal-proceduri, umbghad wasal ghal konkluzjoni zbaljata, li la darba t-trejqa mhux tal-imputat, allura huwa kien qed jokkupa art li mhux propjeta tieghu, kienet zbaljata. Illi l-imputazzjoni ta' ragion fattasi tirrigwardja u hija bbazata fuq l-element tal-pussess, u mhux ta' titolu kif erronjament donnu ikkonkluda l-espert tekniku.

Illi bir-rispett kollu, dan ma kienx l-ezercizzju li kellu jaghmel il-Perit Tekniku, l-aktar in vista tal-fatt, illi skond hu stess jezistu diversi inkonsistenzi bejn il-pjanti annessi mal-kuntratt t'akkwist tal-imputat u dak li effettivament huwa kkonstata waqt l-access fuq il-post li huwa ghamel.

Jigi rilevat ulterjorment illi l-istess Perit Tekniku ma jghidtx kif wasal ghal konkluzjoni illi l-wiesgha tal-passagg suppost ikun ta' 6.2m.

Illi inoltre, minkejja illi Alfredo Desira rraporta lil Pulizija illi l-appellant ghalaqlu l-access permezz ta' hajt bil-briks minghajr ma ha l-ebda permess ta' hadd u ta' l-ebda awtorita, l-Perit ikkonkluda illi r-rikorrenti appellant ghalaq l-access b'ingenji. U

filfatt, matul ir-rapport tal-perit Tekniku Mario Cassar, ssir referenza biss ghal ingenji. Konsegwentement, l-akkuza kif dedotta skond ir-rapport tal-ahwa Desira m setghet qatt tigi pruvata.

Illi filfatt l-ezercizzju illi kellu jsir kien ferm differenti. Jekk wiehed jara l-gurisprudenza, johrog car x'tip ta' ezercizzju kellu jsir sabiex jigi determinat jekk l-appellant kienx hati tar-reat ta' ragion fattasi jew le.

Illi l-Qrati Maltin f'diversi okkazzjonijiet spjegaw l-elementi kostitutivi tar-reat in dizamina. Illi ghalhekk fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Spiru Bartolo nhar id-disgha (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006) inqtal hekk:

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta l-elementi kostituttivi tar-reat ta' "ragion fattasi" taht l-art.85 tal-Kodici Kriminali huma erbgha u cioe:

(a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li tkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra loppozizzjoni, espressa jew prezunta, ta' dan il-hadd iehor;

(b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt;

(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz ta' lawtorita' pubblika ; u

(d) n-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi. (Ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia"[17.2.95] ; "Il-Pulizija vs. Reno Micallef"[6.6.95] ; "Il-Pulizija vs. Mark John Schembri"[18.9.2002] u ohrajn )

Inoltre, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v Eileen Said deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Gunju 2002 intqal hekk:

"Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun jrid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjetà ta' haddiehor per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex

taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha.

Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja ikollu. Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz, jew ifixklu fil-pussess tal-haga ghax kif jghid il-CARRARA (Prog. Parte Speciale Vol.5 para.2850:-

"L'atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi è nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perchè la legge protegge lo "stato quo", il quale non può variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorità giudiziale."

Inoltre, l-appellant qatt ma seta jinstab hati tal-akkuza migjuba kontrieh, u dan peress illi min imkien ma jirrizulta jekk fid-data in kwistjoni, u fix-xhur ta' qabel, l-appellant effettivament ingumbrax il-passagg in kwistjoni jew le. Jekk wiehed jaqra sew ir-rapport tal-Perit Tekniku, li l-Qorti jidher li ghamlit taghha sabiex sabet htija fl-appellant, min imkien ma jirrizulta jekk l-appellant ikkommetiex r-reat fid-dati indikati fl-akkuzi. Filfatt, fir-rapport tal-perit hemm biss spjegat illi la darba l-appellant mhux sid ta' dan il-passagg, allura huwa hati ta' ragion fattasi-ragunament kompletament zbaljat.

C. Spejjez Peritali.

Illi jigi spjegat illi din il-kawza kienet qed tinstema konstetwalment ma' kawza ohra, b'akkuzi simili, bi granet differenti. Konsegwentement il-provi ta' kawza, li ngabru waqt is-seduti quddiem il-Perit kienu jghoddu ghal kawza l-ohra wkoll. Il-perit tekniku acceda darba ghaz-zewg kawzi wkoll. Minkejja dan, kemm fil-kawza odjerna, u kemm fil-kawza l-ohra, l-appellant gie kkundannat ihallas l-ispejjez peritali ghalkhemm f'ammonti differenti. L-appellanti jhoss illi dan ma hux gust u ekwu, u li huwa handu jhallas l-ispejjez peritali darba biss.

Ikkunsidrat,

Il-Qorti semghet lil-Dr Mario Camilleri tghid li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti hija nulla u dan ghaliex ma gewx spjegati il-fatti fis-sentenza li waslu lill-gudikant

tasal ghal htija tal-appellant u fil-fehma taghha dan imur kontra dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal- kap 9 tal-ligjiet ta' Malta .

L-Avukat Generali min naha tieghu qed jghid li d-difza qed thallat il-fatt mal-motivazzjoni li huma zewg binarji differenti. Isostni li skond dil-gurisprudenza nostrana l-Qorti ghandha ticcita biss il-fatti u ma hemmx bzonn quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li jkun hemm il-motivazzjoni tas-sentenza kif enuncjat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appellli Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs Albert Caruana**[1]

**Kunsiderazzjinijiet legali.**

Din il-Qorti tibda biex tghid li l-artikolu 382 tal-kap 9 tal-ligijiet huwa differenti mill-artikolu 662(2) tal-Kap 9 fejn il-Qrati Kriminali hija marbuta li taghti r-ragunijiet taghha u timmotiva is-sentenza taghha.

Il-ligi tipprovdi is-segwenti:-

**Artikolu 382**:-

"*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandhatgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena ussemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkuntikkontempla r-reat*"

**Artikolu 662(2):-**

"*Kull deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Kriminali li biha tiġi deċiża kwistjoni ta' liġi, għandu jkun fiha qabel kollox ir-raġunijiet li jkunu wasslu l-qorti għal dik id-deċiżjoni*":

Ghalhekk minn esami ta' dawn iz-zewg artikolu jirrizulta mill-ewwel id-differenza li ghandu ikun hemm f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali u dik moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali jew anke il-Qorti Kriminali fejn f'dawn l-ahhar zewg qrati, l-ligi tesigi li jkun hemm " *ir-raguijiet li jkunu waslu l-Qorti ghal dik id-decisjoni.*"

[1] Sentenza mghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminal inhar it-30 ta Jannar 2017.

L-**artikolu 382 tal-kap 9** jipprovdi x'ghandu jkun fiha sentenza tal-Qorti u appuntu skond dan l-artikolu, il-Qorti ghandha issemmi b'mod partikolari meta qed taghti is-sentenza taghha:

(i) Il-fatti li tagħhom l-akkzuat ikun ġie misjub ħati;

(ii) Tagħti l-piena lill-hati u

(iii) Isemmi l-artikolu tal kodici jew kul rat iehor li johloq ir-reat.

Il-Qrati f'hafna okkazjonijiet stqarrew u insistew fuq l-importanza li jigi segwit dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap 9. Tant hu hekk li hemm numru ta' sentenzi li jipprovdu li nuqqas wiehed ta' xi formalita' f'wahda minn dawn it-tlett elementi fuq imfisra iwassla ghan-nullita ta' sentenza bhala risultat ta' difett fil-formalita. Fi kliem iehor dawn ir-rekwiziti mhumiex semplici formalita' izda rekwiziti necessarji ghall-validita tas-sentenza.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Azzoparti et**[2] il-Qorti irriteniet li:-

"*Skont ġurisprudenza paċifika tal-Qorti tal-Appell Kriminali, l-inosservanza ta' xi wieħed ir-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428(3) tal-imsemmi Kodiċi, bil-konsegwenti nullita' tas-sentenza jew ta' parti minnha skont il-każ. Tali nullita' hija sollevabbli 'ex ufficio'*".

Jinghad ukoll li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Agius**[3], gie ritenutli:-

"*in-nuqqas ta' osservanza ta' dak li hemm provdut fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jammonta ghan-nuqqas ta' formalita` sostanzjali*".

Dawn ir-rekwiziti huma alternattivi ghal xulxin u ghalhekk u sabiex sentenza tigi dikajrata nulla mhemmx lok li jkun hemm nuqqas f'kull rekwizit izda jekk jirrizulta li hemm nuqqas f'wiehed minn dawn ir-rekwiziti dan ikun bizzejjed sabiex is-sentenza tigi ddikajrata nulla. Ghalhekk peress li dawn iz-zewg rekwiziti imsemmija fl-**artikolu 382** ghandhom ikun prezenti f'kull decisjoni tal-Qorti, in-nuqqas ta' wahda minnhom, jammonta ghan-nuqqas ta' formalita' fis-sustanza u konsegwentement iwassal ghan-nullita tas-sentenza.

---
2 Vol.LXXXIII.1999 Part IV paġina 340
3 Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali fit-3 ta Frar 1995.

Tibda billli ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Carmel Polidano'**[4]fejn gie kkunsidrat:

'Jigifieri għall-validita` huwa sufficjenti illi sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati ssemmi l-fatti (ossia l-imputazzjonijiet) li tagħhom persuna tkun instabet ħatja, il-piena u l-artikoli li jikkontempaw ir- reati li tagħhom persuna tkun instabet ħatja. Minn dan l- Ewwel Qorti ma tippekkax fis-sentenza appellata peress illi tikkontjeni dawn l-elementi kollha. Imbagħad l-**artikolu 662(2)** jipprovdi: *"Kull deciz joni tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Kriminali li biha tigi deciza kwistjoni ta' ligi, għandu jkun fiha qabel kollox ir-ragunijiet li jkunu wasslu l-qorti għal dik id-decizjoni"*.

Jigifieri sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li ma ssemmix ir- ragunijiet li wassluha għad-decizjoni tagħha ma titqiesx nulla.

Naturalment huwa dejjem rakkomandabbli li jissemmew almenu minimu ta' ragunijiet, izda n-nuqqas tagħhom ma jwassalx għan-nullita` tas-sentenza.'

Sentenza li tikjarifika dak li l-legislatur ried ifisser bil-kelma '*fatti*' fl-**artikolu 382** tal-**Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta hija dik fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Elton Abela**[5]**'**:

*'Il-fatti li l-artikolu 382 jirreferi ghalihom huma l-fatti tar-reat u mhux, kif jippretendi lappellant, il-fatti li jiggustifikaw il- kundanna ossia l-motivazzjoni. Fis-sentenza appellata lfatti tar-reat huma effettivament elenkati fil-bidu nett. L- ewwel Qorti mbaghad ghaddiet biex telenka l-artikoli tal- ligi relattivi ghal dawk ir-reati kollha u ddikjaratu hati wara li qalet li kienet semghet ix-xhieda kollha u ezaminat id- dokumenti esibiti. Dak li kellha f'mohha lewwel Qorti huwa car, cioe` li kienet qed issib il-htija ghall- imputazzjonijiet kollha peress li ma ghamlet l-ebda kwalifika, u wiehed m'ghandux ghalfejn janalizza s- sentenza biex jipprova jiddetermina ta' x'hiex hija kienet qed issib lill-appellant hati. Certament kien ikun deziderabbli li kieku l-ewwel Qorti ziedet il-kliem "ta' l- imputazzjonijiet kollha" wara lkelma "hati".'*

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur S. Tanti) Vs Omissis**[6] 1 fejn saret referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joslann Brignone**[7] intqal is-segwenti:-

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' Dicembru, 2013 (Appell Kriminali Numru. 338/2013)
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Jannar, 2005 (Appell Kriminali Numru. 194/2004)

*"Din il-Qorti diga' kellha okkazzjoni li tesprimi ruha dwar nuqqasijiet simili fejn intqal Illi din mhux l-ewwel darba li minn din l-awla partikolari tal-Qrati tal-Magistrati qed jigu quddiemha sentenzi fuq kawzi dwar reati serjissimi privy mill-icken ombra ta' motivazzjoni w kellha okkazzjoni tirrimikarka avversament fuq din il-prassi w b' rinkrexximent kbir ser ikollha terga tirrepeti dak li rriteniet fl-appell kriminali "**__Il-Pulizija vs. Joslann Brignone__**"* fejn gie ritenut li :-

*".....din il-Qorti thossha ......fid-dmir li taghmel l-osservazzjoni segwenti. Qed jigri ta' spiss fil-Qrati tal-Magistrati - w partikolarment fl-awla li minnha emanat is-sentenza appellata - li kawzi ta' certa portata w gravita' qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni kwalsiasi. Illi hu minnu li, kif inhi l-ligi - bl-emendi kollha bis-sulluzzu li saru fil-Kodici Kriminali f' dawn l-ahhar tlitt decenni w li mhux dejjem saru b' koerenza mall-hsieb inizjali tal-Kodici kif kien koncepit - in-nuqqas ta' motivazzjoni ma jgibx per se in-nullita' expressis verbis ta' tali sentenzi ghax il-motivazzjoni mhix wahda mir-rekwiziti mehtiega ad validitatem fl-art. 382 tal-Kodici Kriminali.*

*Dan ghaliex meta saru dawn l-emendi kollha, ma saret ebda emenda li tkopri l-kontenut ad validitatem ta' sentenzi u f' kawzi fejn l-akkuzi jkunu johorgu mill-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif kontemplata fl-art. 370 tal-istess* Kodici *w partikolarment fejn jew l-Avukat Generali jkun ta' l-kunsens tieghu biex jigu decizi bi proceduri sommarji jew fejn, wara li l-atti tal-kumpilazzjoni jigu rimessi lilu, jipprezenta n-nota bl-artikoli li tahthom jidhirlu li tista' tinstab htija biex il-kaz, fl-assenza ta' oggezzjoni tal-imputat, jigi gudikat minn dik il-Qorti.*

*Jidher li hemm lok li ssir emenda li biha jkun rikjest li ssir xi forma ta' konsiderazzjoni, hsieb jew moitivazzjoni f' dawn is-sentenzi. Pero' mhux l-ewwel darba li - kif gara f' dan il-kaz – f' din l-Awla partikolari, kawzi serjissimi qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni w cioe', wara li jigi rikapitulati l-akkuzi, il-Qorti tghid :-*

*"Ikkonsidrat"*

*"....issib jew ma ssibx htija skond l-akkuzi.*

---

[6] Appell Kriminali Numru. 372/2006 deciz 21 ta' Gunju 2007.

[7] Appell Kriminali deciz fit-8 ta' Frar 2007

*"Illi tali stezura, ……. zgur li hija ghal kollox karenti minn dak li hu mistenni ordinarjament mill-gudikant meta jkun qed jiddeciedi kawzi bhal dawn u taghmilha difficli kemm ghall-parti vincitrici li ssostni w tiddefendi s-sentenza appellata kif ukoll ghall-parti sokkombenti li tintavola appell kontra motivazzjoni fantomatika, li forsi tkun tezisti biss f' mohh il-gudikant. Inoltre fejn il-Qorti tal-Appell thoss li jkun il-kaz li tikkonferma s-sejbien ta' htija w l-piena erogata, jkollha ta' spiss taghmel ix-xoghol tal-Qorti tal- Magistrati hi stess billi timmotiva ghall-ewwel darba ta' sejbien ta' htija w piena. Din il-prattika ghalhekk hija wahda rregolari w trid tigi evitata ghax qed twassal ghal stultifikazzjoni tal-operat tal-Qorti involuta."* (ara ukoll App. Krim. "**Il-Pulizija vs. James Grima**[8]")

Referenza ukoll f'dan ir-rigward hija lejn is-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Paul Chetcuti Caruana**[9] fejn inghad li:-

*Jibda biex jinghad illi l-appellant tressaq il-Qorti fuq procedura sommarja fid-distrett tal-Mosta f'liema kaz allura l-Qorti tal-Magistrati biex tissodisfa l-vot tal-ligi kien ikun bizzejjed li taghmel riferenza ghall-fatti kif esposti fic-citazzjoni, tindika l-artikoli tal-ligi u taghmel id-dikjarazzjoni ta' htija o meno u jekk ikun il-kaz, il-piena. M'ghandhiex ghalfejn terga' tirrepeti b'mod aktar dettaljat il-fatti kif jidhru fil-bidu tac-citazzjoni peress illi jekk ippruvati, l-Qorti tista' taghmel pjena riferenza ghalihom u xejn aktar.*

Dan iwassal lil din il-Qorti tesamina s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti sabiex tara jekk dak li qed jillamenta minnu l-appellant hux minnu u fit-tieni lok jekk tali aggravju iggibx in-nullita tas-sentenza kif qed jintalab minnu.

Fis-sentenza moghtija fl-ismijiet premessi nhar il-24 ta' Jannar, 2019, hemm referenza ghall-akkuzi kif migjuba kontra l-akkuzat illum appellant, ir-raguni ghaliex instab hati u cioe ghaliex "*fixkel l-access ghall- proprjeta tal-parte civili liema access kellu jkun wiesa' 6.2 metri ghal access frm aktar ridott ta' circa 1.8 metri"*, hemm dikjarazzzjoni ta' htija wara li ccitat l-artikoli tal-ligi ghar-reat li qed issibu hati taghha u cioe dak ta' *pretended rights* u l-piena li qed tigi errogata ta' hames mitt euro ( €500). Apparti li hemm ukoll l-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

[8] Appell Kriminali deciz 8 ta' Marzu 2007
[9] Appell Kriminali deciz 19 ta' Frar 2014

Illi għalhekk il-Qorti rat li l-elementi kollha kif fuq imfisra rikjesta skond l-artikolu 382 tal-kodici Kriminali huma hemm u konsegwentement dan l-aggravju tal-appellant qed jiġi respint u l-Qorti tordna l-proegwiment tal-kawża fuq il-mertu.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imħallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur